MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2013

Appell Civili Numru. 1158/2007/1

**Avukat Dottor Joseph Zammit McKeon
bhala mandatarju specjali tal-assenti Ahmed Shekeb Salem
u b'nota tas-16 ta' Marzu, 2009 assuma l-atti
bhala prokuratur Dottor Raymond Zammit
u b'nota ta' l-24 ta' Novembru, 2009
Dottor Kevin Camilleri Xuereb assuma l-atti flok
Dottor Ray Zammit bhala mandatarju specjali
ta' l-assenti Ahmed Shekeb Salem**

**v.**

**Laferla Insurance Agency Limited
li maghha nghaqdet**

**is-socjeta` Laferla Insurance Brokers Limited**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors li gie pprezentat fis-7 ta’ Novembru, 2007, u li jaqra hekk:

“1. L-esponent huwa mandatarju specjali tal-assenti Ahmed Shekeb Salem skond l-annessa prokura markata Dok. ZM1;

“2. Bis-sahha ta’ sentenza moghtija fis-26 ta’ Jannar 2005 mill-Qorti tal-Ewwel Istanza tal-Kajr tat-Tramuntana fl-Egittu [Bench (40) Commercial] fil-kawza bin-Nru. 1998/40 (Dok. ZM2), is-socjeta` intimata giet ikkundannata thallas lir-rikorrent *nomine* s-somma ta’ sittax-il elf liri Maltin (Lm16,000) bl-imghax legali ta’ hamsa fil-mija (5%) b’effett mid-data tas-sentenza sad-data ta’ l-effettiv pagament flimkien mal-ispejjes legali;

“3. Bis-sahha ta’ sentenza moghtija fis-27 ta’ Frar, 2006 mill-Qorti tal-Appell tal-Kajr fl-Egittu [Commercial Circuit No. 64] fl-istess kawza (Dok. ZM3) kien konfermat li s-socjeta` intimata kellha thallas lir-rikorrent *nomine* s-somma ta’ sittax-il elf liri Maltin (Lm16,000) bl-imghax legali ta’ hamsa fil-mija (5%) b’effett mid-data tas-sentenza ta’ l-Ewwel Istanza u cioe’ mis-26 ta’ Jannar, 2005 sad-data tal-effettiv pagament bl-ispejjes;

“4. Bis-sahha ta’ sentenza moghtija fl-10 ta’ Mejju, 2007, il-Qorti ta’ Kassazzjoni tal-Kajr fl-Egittu cahdet l-appell tas-socjeta` intimata mis-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell tal-Kajr tas-27 ta’ Frar, 2006 (Dok. ZM4 u ZM5);

“5. Is-sentenza tal-Qorti ta’ Kassazzjoni tal-Kajr giet moghtija minn qorti kompetenti u saret gudikat.

“Ir-rikorrent *nomine* talab lill-Qorti:

“1. A tenur tal-Art.826 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna l-esekuzzjoni f’Malta tas-sentenza moghtija fl-10 ta Mejju, 2007 mill-Qorti ta’ Kassazzjoni tal-Kajr fl-Egittu fejn

kien michud l-appell tas-socjeta` intimata mis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tal-Kajr tas-27 ta' Frar, 2006 fejn is-socjeta` intimata giet ikkundannata thallas lir-rikorrent *nomine* s-somma ta' sittax-il elf (Lm16,000) [EUR37,269.97] bl-imghax legali ta' hamsa fil-mija (5%) b'effett mis-26 ta' Jannar, 2005 oltre l-ispejjes.

"Bl-ispejjes u bl-imghax legali kontra s-socjeta` intimata li giet ingunta ghas-subizzjoni."

Rat ir-risposta tas-socjeta` intimata li in forza taghha gie eccepit:
"1) Illi fl-ewwel lok l-attur *nomine* ghandu jipprova l-korretteza u l-validita` tad-dokumenti kollha ezebiti minnu (l-originali bl-Gharbi u t-traduzzjonijiet bl-Ingliz) bl-eccezzjoni tad-Dokumenti ZM1;

"2) Illi fit-tieni lok ma jirrizultax illi s-sentenza vantata mill-attur *nomine* giet effettivament ottenuta kontra s-socjeta` konvenuta odjerna billi s-socjeta` konvenuta ma tidher imkien li giet korrettament indikata f'dawk il-proceduri. Din l-eccezzjoni ma tirrigwardax biss is-semplici isem ta' socjeta` izda qeghda tigi sollevata ghaliex fl-epoka rilevanti kienet topera **bhala agent ta' assikurazzjoni**, socjeta` ohra bl-isem Laferla Insurance Agency Limited u ma huwiex car kontra liema minn dawn iz-zewg kumpaniji (illi l-ebda wahda minnhom ma tista' tkun legittimu kontradittur) kienu indirizzati t-talbiet tal-mandant tal-attur;

"3) Illi s-sentenza tal-10 ta' Mejju, 2007 illi taghha qeghda tintalab l-ezekuzzjoni jidher illi sempliciment cahdet l-appell maghmul kontra sentenza precedenti u kienet dik is-sentenza precedenti li kienet effettivament ordnat il-hlas minghand is-socjeta` konvenuta f'dik il-kawza. Ghalhekk u skond id-dritt Malti (illi bhala l-*lex fori* hija dik esklussivament applikabbli ghal dawn il-proceduri) is-sentenza tal-10 ta' Mejju, 2007 ma tistax *per se* tigi ezegwita hlief biss in kwantu ordnat il-hlas ta' mitejn lira Egizzjana bhala drittijiet u t-telf tal-malliverija gudizzjarja (*bail*);

"4) Illi skond il-gurisprudenza taghna, il-Qrati lokali ma jistghux jaghrfu sentenza ta' tribunal esteru fejn dik is-sentenza ma taghrafx effett legittimu tal-ligi Maltija. Fil-kaz odjern, jidher illi fid-decizjoni li taghha qeghda tintalab l-ezekuzzjoni f'din l-istanza, gew injorati ghal kollox diversi principji ta' dritt Malti li huma rikonoxxuti universalment fil-kummerc ta' l-assigurazzjoni u li kienu jirregolaw il-polza ta' assikurazzjoni illi wasslet ghall-pretenzjoni odjerna attrici. Dawn il-principji jinkludu:

"i) Illi l-*insurance broker* ghandu funzjoni u reponsabilita` legali ghal kollox diversi mill-*insurer* ossija l-assikuratur. Is-socjeta` konvenuta operat biss bhala *broker* u f'din il-kapacita wasslet biex il-mandant ta' l-attur (Ahmed Salem) kiseb polza tal-assikurazzjoni mahruga mit-terzi, senjatament is-socjeta` assikuratrici Middleasea Insurance plc (allura Middlesea Insurance Company Limited) *tramite* l-agent taghha. Madandakollu u bi ksur ta' dan il-principju, is-socjeta` konvenuta giet ikkundannata thallas that dik il-polza ta' assikurazzjoni miksuba bl-intervent taghha s-somma li (anke kieku l-*claim* ta' l-attur kien legittimu – illi ma kienx) kienet tkun pagabbli mill-assikuratur;

"ii) Illi l-assikurat taht polza ta' assikurazzjoni jrid jippossjedi *insurable interest* fil-hwejjeg danneggjati billi polza ta' assikurazzjoni hija mahsuba biex taghmel tajjeb ghat-telf subit mill-assikurat fil-patrimonju tieghu u mhux biex l-assikurat jigi arrikit bit-telf kopert that il-polza. Irrizulta illi l-oggetti li gew mitlufa jew misruqa mill-mandant ta' l-attur ma kienux jappartjenu lilu izda kienu jappartjenu lill-Gvern tal-Egittu u li *di piu`*, l-istess mandant ta' l-attur kien thallas is-somma ta' 1695 Egyptian Pounds minghand Egypt Air bhala kumpens *in parte* tat-telf subit minnu, liema somma kellha ghalhekk tigi minnu ddikjarata lill-assikuraturi tieghu u eventwalment ridotta minn kull kumpens talvolta pagabbli lilu;

"iii) Illi l-assikurat ghandu jimxi b'*umberrimae fidei* fir-rigward ta' l-assikuratur tieghu u l-obbligu tieghu tal-harsien ta' l-oggetti assikurati huwa wkoll kwalifikat minn dan id-dmir generali. Irrizulta li l-oggetti mitlufa ngarru fil-

*hold* tal-ajruplan u mhux f'idejn il-mandat ta' l-attur bhala *hand luggage*;

"5) Illi d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 826 tal-Kapitolu 12 ma ghandhomx isehhu fir-rigward tas-sentenza li taghha qeghda tintalab l-ezekuzzjoni ghaliex dik is-sentenza tista' tkun attakkata ghal ragunijiet imsemmija fis-subincizi (a), (d), (e), (i) u (l) tal-Artikolu 811;

"6) Illi wkoll d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 826 tal-Kapitolu 12 ma ghandhomx isehhu fir-rigward tas-sentenza illi taghha qeghda tintalab l-ezekuzzjoni ghaliex is-sentenza fiha disposizzjonijiet kuntrarji ghall-ordni pubbliku u ghal-ligi pubblika interna ta' Malta;

"7) Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru, 2012, li in forza taghha laqghet ir-raba' eccezzjoni tas-socjeta` intimata u cahdet it-talbiet tar-rikorrenti;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"**C. PROVI:**

"Xehedet <u>Judith Galea</u>, *Chief Executive Officer* mal-Allcare Insurance Agency u semmiet li fl-1997 l-Allcare kienet agent ta' MiddleSea Insurance u ta' l-assikurazzjoni generali. Semmiet li fil-polza in kwistjoni kienu gew avvicinati minn Laferla Insurance Brokers b'dan ir-riskju u ahna kitbuh ghan-nom tal-MiddleSea Insurance. Laferla Insurance kienu *brokers* izda mhux agenti. Semmiet li kien hemm kawza l-Egittu u kienu jafu biha u min-naha tal-MiddleSea appuntaw l-avukati taghhom biex jirrapprezentawhom fl-Egittu. Huma kienu gew avzati bil-kawza minn Laferla Insurance Brokers. Qalet li kemm Laferla kif ukoll il-MiddleSea kienu partijiet f'dik il-kawza u qabbdu avukati Egizjani biex jiddefendu l-interessi taghhom.

"Xehed Patrick Muscat, *Claims Manager* ma' MiddleSea Insurance u semma li l-polza giet mahruga minn AllCare Insurance Agency Limited bhala agenti ta' MiddleSea tramite Laferla Insurance Brokers. Ir-rwol ta' Laferla Insurance Brokers kien bhala *brokers* li jagixxu f'isem il-klijent. Semma li Ahmed Salem ma giex imhallas ta' l-oggetti li naqsu li hu kien pogga fil-*hold* ta' l-ajruplan, principalment minhabba nuqqas ta' *insurable interest*, minhabba li skond korrispondenza tieghu stess l-oggetti kienu tal-Gvern jew Armata Egizzjana. Kien anke ma pprovdilhomx *supporting documentation* u dettalji ta' l-*equipment*. Semma li MiddleSea Insurance kienet qabbdet avukat fl-Egittu ghalkemm din ma kenitx involuta direttament ghax in-notifiki jidhru li hargu kollha fuq Laferla Insurance Brokers. AllCare Insurance kienet avzathom bhala l-principali taghha. Hu kien fehem li Laferla Insurance Agency ircevew l-atti u ghaddewhom lil AllCare. Laferla qatt ma setghu jhallsu ghax huma kienu *brokers* u jekk setghu jhallsu kienu l-AllCare bhala agenti jew il-MiddleSea.

"Gie prezentat affidavit ta' Robert Baldacchino *General Manager* ta' Laferla Insurance Agency Limited li semma li fl-1 ta' Jannar, 1999 l-istess socjeta` giet amalgamata mas-*sister company* taghha, Laferla Insurance Agency Limited. Ikkonferma li Laferla Insurance Brokers Limited kienet il-*broker* tal-mandant ta' l-attur. Semma li mill-1992 l-kumpanija kienet qed tahdem bhala *insurance broker* u ma kenitx topera bhala agent sakemm giet iffurmata kumpanija gdida bhala Laferla Insurance Agency Limited. Meta f'Awissu tas-sena 1997, cioe` meta nharget il-polza ta' assikurazzjoni lill-mandant tal-attur Ahmed Selim, kien hemm f'operazzjoni zewg kumpanniji ta' assikurazzjoni bl-isem Laferla, cioe` Laferla Insurance Brokers Limited (C6761) (illi kienet topera bhala *broker* u kienet tqieghed ir-riskju tal-klienti taghha ma' diversi assikuraturi) u Laferla Insurance Agency Limited (C14529) (illi kienet topera bhala agent ta' sindikati ta' *Lloyds* u ta' PPP). Fl-1 ta' Jannar 1999, iz-zewg kumpanniji Laferla Insurance Agency Limited u Laferla Insurance Brokers Limited gew amalgamati f'kumpannija wahda li bdiet topera biss bhala

*insurance agent* taht l-isem ta' Laferla Insurance Agency Limited.

"Il-kawza li saret fil-Qrati Egizzjani minn Ahmed Selim kienet kontra s-socjeta` Laferla Insurance Company Limited - li qatt ma ezistiet. Semma li Laferla Insurance Brokers Limited qatt ma setghet tirrapprezenta principal jew wisq anqas titqies bhala assikuratur f'poloz mahruga bl-intervent taghha jew kawza kontra Laferla Insurance Agency Limited illi kienet verament topera bhala agent ta' assikuraturi izda mhux tas-socjeta` MiddleSea Insurance Company Limited illi kienet harget il-polza lil Ahmed Selim.

"Salem inhariglu *Cover Note* biex jinxurja *Communications Equipment/System* f'Awissu 1997 u dan minn Laferla Insurance Brokers Limited pero` li turi li r-riskju tieghu gie assigurat ma' MiddleSea Insurance Co. Ltd. through Allcare Insurance Agency Limited (Dokument RB3), u ghalhekk kien car li l-polza kienet qeghda tinhareg mis-socjeta` MiddleSea Insurance Co. Ltd. permezz ta' l-agent taghha Allcare Insurance Agency Limited, bl-intervent (bhala *broker*) tas-socjeta` Laferla Insurance Brokers Limited.

"Semma li l-*Cover Note* turi li l-apparat li kien inxurjat kellu jittiehed minn Mr. Ahmed Selim bhala *"Accompanied Luggage on Flight No.* MS636". F'Settembru 1997 gew infurmati minn Mr. Ahmed Selim li hu ried jaghmel *claim* taht l-*insurance* tieghu ghax il-*luggage* tieghu kien intilef waqt il-vjagg tieghu minn Malta ghal Cairo. Kienu nfurmaw lil Allcare Insurance Agency Limited. Peress li kien hemm certu aspetti ta' din il-*claim* li minhabba fihom il-principal taghhom (cioe` l-MiddleSea Insurance Co. Ltd.) ried jirriserva l-pozizzjoni tieghu, ma sarx il-hlas.

"Sussegwentement Mr. Ahmed Selim fetah kawza fil-qorti ta' Cairo kontra Laferla Insurance Company Limtied. B'din il-kawza gew informati Allcare Insurance Agency Limited u MiddleSea Insurance plc u li gie deciz li jigi appuntat avukat egizzjan biex jiddefendi dan il-kaz fl-Egittu bl-ispejjes legali jithallsu kollha mill-MiddleSea Insurance plc.

Semma li kienu gew notifikati huma cioe` Laferla Insurance Agency Limited izda ovvjament kienet Laferla Insurance Company meta Company ma kenitx tezisti. Semma kif peres I l-principal kienet il-MiddleSea huma ma setghu jiehdu ebda decizjoni barra minn dik tal-principal ghax il-*principal security* kienet il-MiddleSea.

"Mal-avukat taghhom, iffirma din il-*power of attorney* kif rikjest mill-avukat Egizzjan li kien qed jiddefendi l-kawza. Gie suggerit lilu li l-*MiddleSea* ghamlet *power of attorney* indipendenti minnhom u qal illi jista' jkun.

"**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

"***D1. Fatti fil-qosor:***

"It-talba f'din il-kawza hija biex il-proceduri jwasslu biex gudikat moghti fl-esteru (mill-qrati ta' l-Egittu) jigi rikonoxxut minn din il-Qorti fil-gurisdizzjoni territorjali taghha u eventwalment ezegwit fl-istess territorju.

"***D2. Il-ligijiet relevanti:***

"Illi fit-22 ta' April, 2008 is-socjeta` intimata talbet li:

"tressaq il-provi taghha dwar l-ewwel hames (5) eccezzjonijiet permezz ta' affidavits jew xorta ohra kif ordnat mill-Qorti fi zmien illi jigi stabbilit appozitament mill-Qorti."

"Fit-18 ta' Gunju, 2008 il-Qorti ordnat li f'dan l-istadju l-partijiet jaghmlu provi limitatament ghal dak imsemmi fil-paragrafu 4 u 5 tar-risposta minghajr ma wiehed jidhol fil-mertu tal-kawza.

"Izda fit-28 ta' Marzu, 2011 (fol 218) il-partijiet qablu li l-provi ma jkunux limitati ghar-raba' u hames eccezzjoni izda jsiru fuq kollox.

"L-ezekuzzjoni ta' sentenzi ta' Tribunali ta' pajjizi barra minn Malta huwa regolat ukoll mill-Kap 12 art 825A *et*. Infatti dan jirreferi ghar-"Regolamenti ta' l-Unjoni Ewropea

li jipprovdu li dwar affarijiet regolati taħt dan it-Titolu, b'mod li jkun differenti milli hemm f'dan it-Titolu, dawk ir-regolamenti għandhom jipprevalixxu, u d-disposizzjonijiet ta' dan it-Titolu għandhom biss japplikaw meta ma jkunux inkonsistenti mad-disposizzjonijiet ta' dawk ir-regolamenti jew f'affarijiet li ma jaqgħux fl-ambitu ta' dawk ir-regolamenti.

"826. Bla ħsara tad-disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Esekuzzjoni Reċiproka ta' Sentenzi ta' Tribunali Ingliżi, is-sentenzi mogħtija minn qorti kompetenti ta' pajjiż barra minn Malta, u li jkunu saru ġudikat, jistgħu jiġu esegwiti mill-qorti kompetenti ta' Malta, bħas-sentenzi mogħtija f'Malta, fuq rikors b'talba biex tiġi ordnata l-esekuzzjoni ta' dawk is-sentenzi."

"Il-Qorti ghandha tezamina l-affarijiet kif dispost fl-artikolu 827(1) li jipprovdi:

"827 (1) Id-disposizzjonijiet tal-artikolu li jiġi minnufih qabel dan ma għandhomx iseħħu:

"(a) jekk is-sentenza li tagħha tintalab l-esekuzzjoni tista' tkun attakkata għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 811;

"(b) f'każ ta' sentenza mogħtija fil-kontumaċja, jekk il-partijiet ma kienux kontumaċi skont il-liġi barranija;

"(ċ) jekk is-sentenza fiha xi disposizzjonijiet kuntrarji għall-ordni pubbliku jew għal-liġi pubblika interna ta'  Malta."

"Dan iwassal ghall-fatt li s-socjeta` konvenuta hija prekluza mili ggib provi fil-mertu peress li l-mertu gja jinsab trattat u deciz fil-kawza li saret l-Egittu, liema kawza kienet finalment deciza.  Ghalhekk id-difiza tas-socjeta` konvenuta ghall-azzjoni attrici hija determinata specifikament bl-artikolu 827 tal-Kap 12 fuq imsemmi.

***<u>D3.   Ir-raba' eccezzjoni:</u>***

"Illi r-raba eccezzjoni tas-socjeta` intimata tghid hekk:-

"Skond il-gurisprudenza taghna, il-Qorti lokali ma jistghux jaghrfu sentenza ta' tribunal esteru fejn dik is-sentenza ma taghrafx effett legittimu tal-ligi Maltija. Fil-kaz odjern, jidher illi fid-decizjoni li taghha qeghda tintalab l-ezekuzzjoni f'din l-istanza, gew injorati ghal kollox diversi principji ta' dritt Malti illi huma rikonoxxuti universalment fil-kummerc ta' l-assigurazzjoni u li kienu jirregolaw il-polza ta' assikurazzjoni illi wasslet ghall-pretensjoni odjerna attrici. Dawn il-principji jinkludu:-

"i Illi *l-insurance broker* ghandu funzjoni u responsabilita` legali ghal kollox diversi mill-*insurer* ossija l-assikuratur. Is-socjeta' konvenuta operat biss bhala *broker* u f'din il-kapacita' wasslet biex il-mandant tal-attur (Ahmed Salem) kiseb polza tal-assikurazzjoni mahruga mit-terzi, senjatament is-socjeta' assikuratrici *Middlesea Insurance plc* (allura *Middlesea Insurance Company Limited*) *tramite* l-agent taghha. Madanakollu u bi ksur ta' dan il-principju, is-socjeta' konvenuta giet ikkundannata thallas taht dik il-polza ta' assikurazzjoni miksuba bl-intervent taghha s-somma illi (anke kieku il-*claim* tal-attur kien legittimu - illi ma kienx) kienet tkun pagabbli mill-assikuratur;

"ii Illi l-assikurat taht polza ta' assikurazzjoni jrid jippossjedi *insurable interest* fil-hwejjeg danneggjati billi polza ta' assikurazzjoni hija mahsuba biex taghmel tajjeb ghat-telf subit mill-assikurat fil-patrimonju tieghu u mhux biex l-assikurat jigi arrikit bit-telf kopert taht il-polza. Irrizulta illi l-oggetti illi gew mitlufa jew misruqa mill-mandant tal-attur ma kienux jappartjenu lilu izda kienu jappartjenu lill-Gvern tal-Egittu u li di piu', l-istess mandant tal-attur kien thallas is-somma ta' 1695 *Egyptian Pounds* minghand *Egypt Air* bhala kumpens *in parte* tat-telf subit minnu, liema somma kellha ghalhekk tigi minnu ddikjarata lill-assikuraturi tieghu u eventwalment ridotta minn kull kumpens talvolta pagabbli lilu;

"iii Illi l-assikurat ghandu jimxi b'*umberrimae fidei* fir-rigward tal-assikuratur tieghu u l-obbligu tieghu tal-harsien tal-oggetti assikurati huwa wkoll kwalifikat minn

dan id-dmir generali. Irrizulta li l-oggetti mitlufa ingarru fil-*hold* tal-ajruplan u mhux f'idejn il-mandant tal-attur bhala *hand luggage*."

"Bazikament is-socjeta` intimata qed tikkontendi li l-Qorti ghandha tichad it-talbiet attrici minhabba li l-Qrati Maltin ma jistghux jaghrfu sentenza ta' Tribunal esteru fejn dik is-sentenza ma taghrafx effett legittimu tal-ligi Maltija. Tinsisti li gew injorati specjalment tliet kuncetti ossija:

"a) *insurance broker* ma tistax tigi kundannata thallas u tinzamm responsabbli taht polza ta' l-assikurazzjoni;

"b) li l-persuna li titlob taht polza ta' assikurazzjoni trid tippossjedi *insurable interest*; u

"c) li huwa dejjem necessarju li taht polza ta' assikurazzjoni jkun hemm dejjem il-kuncett fil-partijiet kollha ta' l-*uberrimae fidei*.

"Fin-nota tieghu r-rikorrent jistaqsi retorikament minn fejn tohrog din in-normattiva fl-ordinament guridiku Malti? Ir-rikorrent *nomine* jikkontendi li jekk kien hemm xi dritt (ligi) applikabbli ghall-kwistjoni, dan kellu jkun tal-post fejn instemghu l-proceduri, ossija d-dritt Egizzjan (ossia Libiku) hekk kif regolat bil-ligijiet u/jew statuti taghhom *stante*, kif saput, *locus regit actum*. Izda hawnhekk ir-risposta insibuha fl-artikolu 827 (1) (c) li jipprovdi li d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 826 ma għandhomx iseħħu jekk is-sentenza fiha xi dispozizzjonijiet kuntrarji għal-liġi pubblika interna ta' Malta.

"Il-funzjoni ta' *insurance broker* taht il-ligi Maltija kif ukoll ir-responsabbilta` legali tieghu hija differenti minn dik ta' assikuratur. Fil-kaz in ezami l-intimata hija *insurance broker* u mhux assikuratur ghax is-socjeta` assikuratrici kienet MiddleSea Insurance p.l.c. *tramite* l-agent taghha Allcare Insurance Agency Limited. Infatti hi qatt ma tista' tigi ordnata thallas taht polza ta' assikurazzjoni. Debitur huwa dejjem l-assikuratur u mhux il-*broker* u ghalhekk fil-kaz *de quo*, jekk dovut, trid tkun il-MiddleSea Insurance u mhux l-intimata. Dan huwa principju li jinsab taht il-ligi

Maltija izda li mill-qari tas-sentenzi li taghhom intalbet l-ezekuzzjoni f'Malta ma jidhirx li gie applikat.

"Illi din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija minnha stess fit-23 ta' Jannar, 2008 fl-ismijiet **Atlas Insurance Limited *et* vs Malta Football Association** (Cit. Nru. 468/04FS) fejn inghad:

"L-*Insurance Broker* huwa mandatarju ta' l-assikurat. Huwa jghin biex jintlahaq ftehim ma' l-assikuratur bl-iskop li jigi assikurat riskju, tinhareg assikurazzjoni f'isem il-persuna assikurata, bil-weghda ta' indennizz jekk tigri l-haga msemmija fl-assikurazzjoni. L-*Insurance Broker* huwa l-mandatarju ta' l-assikurat u mhux tal-kumpanija ta' assikurazzjoni (ara **Antonio Zammit vs Joseph Micallef** tal-31 ta' Jannar 1952, XXXVI-III-610; u **Anthony Vassallo vs Alfred S. Azzopardi *nomine*** deciza fil-21/04/99). Ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **Michael Bertuello vs Victor Cordina *pro et noe et*** deciza mill-Onor Qorti ta' l-Appell fil-11 ta' Lulju, 1994 inghad:

"Mill-provi jirrizulta li din is-socjeta` ma tassikurax hi izda tagixxi bhala agent tas-socjeta` estera *Black Sea and Baltic General Insurance Company Limited*. Jekk il-konvenut Victor Cordina ma agixxiex personalment, izda agixxa f'isem is-socjeta` konvenuta, similment, din is-socjeta` ma agixxietx bhala socjeta` propju izda f'isem is-socjeta` assikuratrici estera imsemmija li taghha hija l-agent f'Malta……izda li se mai din titharrek bhala agent tas-socjeta` assikuratrici estera li ultimament hija dejjem responsabbli ghal dak li gie kontrattat ghan-nom taghha mis-socjeta` konvenuta.."

"… tikkwalifika "*insurance broker*" bhala dik il-persuna li "ghal xi kummissjoni jew kumpens iehor jew oggett ta' valur ikun x'ikun tagixxi jew tghin b'xi mod biex thajjar, jintlahaq ftehim, jew biex isir kuntratt ta' assigurazzjoni jew biex jigi assigurat riskju jew biex tinhareg assigurazzjoni, f'isem persuna assigurata jew persuna li tkun se tigi assigurata, barra minnha nnifisha." …

"… Hekk ukoll gie ritenut mill-Qorti tal-Kummerc in re. "**Antonio Zammit vs Joseph Micallef *noe***" 31 ta' Jannar, 1952, Vol. XXXVI, P.III, p. 610, li meta subagent "jimla' l-*proposal form* ghal min irid jassigura karozza huwa l-mandatarju ta' min irid jaghmel dik l-assikurazzjoni u mhux tal-kumpanija ta' assikurazzjoni…"

"Fl-istess artikolu l-istess awtur ighaddi biex jelenka d-dmirijiet principali ta' l-*Insurance broker*, li "*qua*" mandatarju huma fl-obbligu:-

*"(a) to perform his mandate fully to the extent of his authority and as expeditiously as possible;*

*"(b) to exercise care and the requisite skill in performing the mandate:*

*"(c) to notify an insured within a reasonable period that insurance has or has not been effected;*

*"(d) to disclose to the insured any information or intention he may have relevant to the insured's interests;*

*"(e) to show "uberrimae fides" in his dealings with and for an insured;*

*"(f) to keep accounts and furnish them in proper form to an insured;*

*"(g) to take reasonable steps to protect the insured's interests…*

"…L-istess kienet irriteniet din il-Qorti fil-kawza deciza fis-16 ta' Mejju 2002(Imhallef Tonio Mallia) fil-kawza **Vincent Azzopardi vs MiddlSea Insurance Company** fejn qalet li:
"Hu risaput li l-*broker* huwa l-agent ta' l-assikurat mhux tal-kumpanija assikuratrici".

"Fis-sentenza tal-kawza fl-ismijiet **Salvatore Sammut vs MiddlSea Insurance p.l.c.** tal-14 ta' Mejju 2004 l-Onor. Qorti ta' l-Appell iddeskriviet polza ta' assikurazzjoni hekk:

"Polza ta' assikurazzjoni tohloq relazzjoni bilaterali bejn il-kontraenti fejn, in konsiderazzjoni tal-hlas ta' *premium* mill-assikurat lis-socjeta` assikuratrici, dik l-istess socjeta` tintrabat li tindennizza lill-assikurat taghha fl-eventwalita` li san isofri xi telf bhala rizultat ta' event dannuz kopert bl-istess polza ta' assikurazzjoni. L-element principali f'dan it-tip ta' kuntratt huwa r-riskju, liema riskju tassumieh is-socjeta` asskuratrici. F'dan is-sens, ghalhekk, dan huwa kuntratt bilaterali b'titolu oneruz in kwantu l-kontraenti jirregolaw l-obbligazzjonijiet ta' bejniethom billi l-hlas ta' *premium* da parti tal-assikurat tiskatta l-obbligazzjoni ta' indennizz da parti tas-socjeta` assikuratrici"…

"L-intimata tirreferixxi ghall-kaz ta' **Schoeller International gmbh vs Mario Ellul**, deciza fis-26 ta' Ottubru 2001, fejn dina l-Qorti kienet cahdet talba ghall-ezekuzzjoni ta' sentenza moghtija minn tribunal esteru propju ghal dan il-motiv. Fis-sentenza taghha, din il-Qorti qalet:
"Sentenza … Tmur kontra l-ordni pubbliku jekk tohloq konflitt ma' dawk il-principji ewlenin ta' ordni gjuridiku li huma l-qofol tas-sistema legali billi jharsu l-valuri l-aktar fondamentali tas-socjeta' … … … … … Il-Qrati lokali ma jistghux jaghtu gharfien lil sentenza barranija fejn dik is-sentenza **ma taghrafx effett legittimu tal-Ligi ta' Malta**. Ghalhekk jekk sentenza barranija tinjora l-principju tal-personalita' *separate* tal-azzjonisti u l-ufficjali ta' kumpannija minn dik tal-kumpannija taghhom, is-sentenza ma tistghax tingharaf mill-Qrati lokali."

"Fit-tieni nota tieghu r-rikorrent isostni li:

"Il-proceduri inizjati mill-mandant ta' l-esponenti kienu diretti kontra tlett persuni, ossia kontra *MiddleSea Insurance Company Limited*, kontra Lafera *Insurance Agency Limited* u wkoll kontra *Allcare Insurance Limited*."

Izda dan hu ragunar li ma jimmeritax wisq kummenti mill-Qorti meta jidher car mis-sentenzi ezibiti li dan mhux minnu.

"Ir-rikorrent sostna li l-kwestjoni tal-legittimu kontradittur: "giet mistharrga mill-qorti barranija u rrifera ghas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tal-Kajr (*circuit* 64 *commercial*) datata 27 ta' Frar, 2006 fejn, wara li dik il-qorti sostniet, in tema generali, illi, "*The broker's job is limited to the mediation between two parties having the desire of concluding any kind of the contract… Whatever method the broker adopts, he shall not be a party in contract.* (fol.73), ghaddiet biex affermat illi fil-kaz li kellha quddiemha. "*La varla Insurance Company,* ***was a party*** *in the insurance contract cnocluded between such appellant and the appellee and that the relation between such parties is a contracting relationship* ***not limited to brokerage only*** *as the broker shall not be a party in the contract."*

"Minhabba f'hekk ir-rikorrent jinsisti li l-Qorti ma tistax issa tezamina mill-gdid il-kwistjoni tal-legittimu kontradittur. Hu jinsisti li l-Qorti waslet ghal evalwazzjoni tajba tal-kwistjoni. Izda kif spjegat fuq dan mhux minnu, kif gie spjegat fuq, fejn in-natura tal-broker f'Malta fejn sar l-kuntratt ta' assikurazzjoni huwa totalment differenti. L-artikolu 827 (1) (c) jipprovdi li d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 826 ma għandhomx iseħħu jekk is-sentenza fiha xi disposizzjonijiet kuntrarji għall-liġi pubblika interna ta' Malta.

"Sekondarjament in linja ma' dak sostnut mill-intimata fir-raba' eccezzjoni taghha bazata fuq l-aspett li l-Qrati lokali ma jistghux jaghrfu sentenza ta' Tribunal esteru fejn dik ma taghrafx effetti legittimu tal-ligi Maltija, l-intimata irreferiet ghall-kuncett li l-persuna li titlob taht polza ta' assikurazzjoni trid tippossjedi *insurable interest*. Fil-ligi Maltija l-*insurable interest* fil-hwejjeg danneggjati huwa necessita` assoluta biex b'hekk l-assikurat ikollu lill-assikurazzjoni taghmillu tajjeb ghat-telf subit minnu. Infatti taht kuntratt ta' assikurazzjoni ma jistax ikun hemm affarijiet fittizji li huma assikurati u jrid bil-fors ikunu l-persuna li taghmel l-assikurazzjoni jkollha *insurable interest*.

"Ghal dan ir-rikorrent iwiegeb:

"Dan hu argument li jincidi fuq il-mertu u li, ghalhekk, l-odjerna Qorti hija prekluza milli terga' tiftah indagini fuqu. Kieku stess, u hekk kif gja' arguwit, din il-linja difensjonali kellha tigi addottata u titpogga quddiem il-Qorti estera Egizzjana. Jekk dan sar *o meno*, kien biss kompitu tas-socjeta' hawn konvenuta illi tiddimostra f'dawn il-proceduri in suffragju ghad-difiza taghha;"

"Izda l-intimata qedgha tissolleva dan il-punt mhux biex tqajjem mill-gdid il-meritu tal-kaz izda fid-dawl ta' l-artikolu 827 (1) (c) tal-Kap 12 li jipprovdi li d-disposizzjonijiet tal-artikolu 826 ma għandhomx iseħħu  jekk is-sentenza fiha xi disposizzjonijiet kuntrarji għal-liġi pubblika interna ta' Malta.

"L-intimata eccepiet li r-rikorrent ma kienx il-proprjetarju ta' l-oggetti assikurati u ghalhekk ma kienux jappartjeni lilu izda lill-Gvern ta' l-Egittu.  Kawza ta' hekk ir-rikorrent ma kellux *insurable interest*.  Ukoll, il-mandant ta' l-attur kien gja thallas 1695 *Egyptian Pounds* minghand l-Egypt Air li l-istess mandant kellu l-obbligu li jsemmi u jinforma biha lid-ditta assikuratrici lokali.

"It-tielet aspett fejn it-tribunal esteru ma mexiex mal-principji tal-ligi Maltija huwa dak normalment riferut bhala l-principju  ta' l-*uberrimae fidei* fil-partijiet.

"Hawnhekk ukoll wara li l-mandant tar-rikorrent kien iddikjara li sejjer izomm l-affarijiet mieghu spicca biex ippermetta li jigu stivati fil-*hold* ta' l-ajruplan u minflok ma kienu fis-sikur fil-kabina mieghu, spiccaw fl-imsemmi *hold*.

"Minn dak suespost jidher car li t-tliet principji bazici tad-dritt Malti ma gewx enforzati mill-Qorti estera.  Dan huwa sufficjenti biex il-Qorti tieqaf hawn ghax milqugha din l-eccezzjoni ma hemmx skop ta' ezami ulterjuri ta' l-aspetti l-ohra.

"Xorta wahda l-Qorti tixtieq tesprimi ammirazzjoni u tifhir lejn
ix-xoghol assidwu u mghallem tal-konsulent legali ta' l-attur li impenja ruhu b'tant energija fid-difiza ta' l-attur."

Rat ir-rikors tal-appell tar-rikorrent nomine li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab illi din il-Qorti joghogobha:
"… … … tilqa' dan l-appell b'dan illi thassar s-sentenza appellata fl-ismijiet fuq premessi datata 27 ta' Novembru, 2012 u tichad ir-raba' eccezzjoni sollevata mis-socjeta` mharrka, hawn appellata, u – gialadarba r-rimanenti eccezzjonijiet ma gewx intrattenuti mill-Ewwel Onorabbli Qorti u sabiex ma jintilefx il-beneficcju tad-*doppio esame* – tirrinvija l-atti lura lill-Prim' Awla tal-Qorti Civili sabiex, previa kwalsiasi dikjarazzjoni jew provvediment jew direttiva opportuni, jigu trattati u definiti l-bqija tal-eccezzjonijiet, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` mharrka, hawn appellata."

Rat ir-risposta tas-socjeta` intimata li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, issottomettiet illi s-sentenza tal-ewwel Qorti hija korretta fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi kkonfermata.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi b'dawn il-proceduri r-rikorrent nomine qed jitlob li tigi esegwita hawn Malta sentenza li l-mandat tieghu akkwista kontra s-socjeta` intimata fil-Kajr, l-Egittu. Il-kundanna tas-socjeta` intimata giet kkonfermata mill-Qorti ta' Kassazzjoni tal-Kajr b'sentenza tal-10 ta' Mejju, 2007. Is-socjeta` intimata ressqet diversi eccezzjonijiet ghat-talba tar-rikorrenti, fosthom li s-sentenza estera ma ghandhiex tigi esegwita hawn Malta peress illi gew injorati diversi principji ta' dritt Malti li huma rikonoxxuti universalment fil-kummerc tal-assigurazzjoni. L-ewwel Qorti abbraccjat l-eccezzjoni relattiva (ir-raba' wahda) u dan ghax osservat li l-Qorti estera injorat tlett principji bazici tal-assigurazzjoni kif applikati fl-ordinament guridiku Malti, u cioe`, il-funzjoni ta' *insurance broker,* u l-kuncetti ta' *insurable interest* u ta' *uberrima fides.*

Ir-rikorrent nomine hassu aggravat b'din is-sentenza u qed jitlob it-thassir taghha. Fil-qosor qed jissottometti li l-ewwel Qorti marret oltre dak mitlub minnha meta dahlet fi kwistjoni li ma kienx il-kompitu taghha li tezamina.

Din il-Qorti tara li l-materja hija regalata bl-Artikoli 826 u 827 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta). L-Artikolu 826 jibda biex jenuncja l-principju illi sentenzi moghtija minn Qorti kompetenti estera "*jistghu jigu esegwiti mill-Qorti kompetenti ta' Malta, bhas-sentenzi moghtija f'Malta*". L-Artikolu 827 isegwi billi jghid meta ma jistax isir dan. Dawn l-eccezzjonijiet kif kontemplati fl-Artikolu 827 huma mhux biss ta' interpretazzjoni stretta, izda huma "exhaustive", fis-sens li l-Qorti ma tistax tirrifjuta l-esekuzzjoni ta' sentenza estera ghal xi raguni mhux kontemplata f'dan l-artikolu. Qorti Maltija mitluba tesegwixxi sentenza ta' pajjiz barra mill-Unjoni Ewropea, trid issegwi dawn ir-regoli stretti u limitatissimi. Il-funzjoni tal-Qorti Maltija hi li tordna l-esekuzzjoni tas-sentenza estera sakemm ma jigix ippruvat a sodisfazzjon taghha xi wahda jew aktar mill-eccezzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 827 imsemmi. Mhix il-funzjoni tal-Qorti lokali li terga' tiftah il-meritu tal-kwistjoni deciza bis-sentenza estera, u partikolarment, mhux kompitu tal-Qorti la li tghaddi gudizzju fuq il-kompatibbilita` tal-ligi estera mal-Ordinament Guridiku Malti u lanqas li tqabbel il-ligi estera ma' dik Maltija, u tirrifjuta li tesegwixxi sentenza ta' pajjiz li ghandu ligijiet differenti minn ta' Malta. Il-principju internazzjonali ta' "comity of nations" ma jippermettix dan, u lanqas ma jippermettih l-Artikolu 827. Hu <u>biss</u> meta s-sentenza estera, fl-interpretazzjoni tal-ligi estera, tkun kuntrarju ghall-ordni pubbliku jew ghal-ligi pubblika interna ta' Malta, li Qorti lokali tista' tirrifjuta li tesegwixxi dik is-sentenza estera.

Fil-fatt, din il-Qorti fil-kawza **Schoeller International Gmbh v. Ellul et**, deciza fl-10 ta' Mejju, 2005, osservat illi: "*F'dan il-kuntest din il-Qorti, pero`, thoss li ghandu jigi osservat li meta ssir talba ghall-esekuzzjoni ta' sentenza ta' qorti estera l-indagini li trid issir mill-qorti lokali ma tridx*

*tkun koncernata bil-mertu tal-proceduri quddiem il-qorti estera li wassal ghal dik is-sentenza ghax altrimenti l-qorti li tkun giet mitluba li taghti esekuzzjoni lil dik is-sentenza tkun qed tassumi poteri li ma kienux intizi bid-dispost ta' l-Artikolu 826 et sequitur tal-Kap. 12.*"

(ara wkoll **Farrugia noe v. Peter Blond International Ltd.** deciza minn din il-Qorti fil-31 ta' Ottubru, 2008).

Dan hu konformi mad-duttrina in materia. Fil-fatt, il-gurista Luigi Mattirolo, ("Trattato di Diritto Giudiziario Civile Italiana", Vol.VI, 4a ed, Torino 1898 p. 942) jghid li f'tali procedura, il-Qorti:
"*non e` chiamata ad esaminare e rivedere il merito della causa, e molto meno a riparare la sentenza estera che le apparisca contraria a giustizia, ma solo ad esaminare se la sentenza straniera abbia le condizioni necessarie perche` le si possa accordare forza esecutiva nel nostro territorio. Adunque il giudizio di delibazione e` un giudizio sui generis, straordinario, cosi` per riguardo al magistrato davanti a cui si svolge in primo ed ultimo grado, come per i confini limitati entro i quali debbe strettamente contenersi l'esame dell'autorita` giudicante.*"

Bl-ebda mod ma jfisser illi jekk ligi estera hija differenti minn dik Maltija, allura s-sentenza estera ma tigix enforzata. Kif jinghad fil-ktieb "Cheshire and North Private International Law" (10th Edit. 1979 p.140),
"*The implication of this is that every limb of the domestic doctrine must apply in every action in England. This can scarcely be so. The conception of public policy, is, or should be, narrower and more limited in private international law than in internal law. A transaction that is valid by its foreign lex causae should not be nullified on this ground unless its enforcement would offend some moral, social or economic principle so sacrosanct in English eyes as to require its maintenance at all costs and without exception. In the words of CARDOZO, J., in a New York case:*
*"A right of action is property. If a foreign statue gives the right, the mere fact that we do not give a like right is no reason for refusing to help the plaintiff in getting what*

*belongs to him. We are not so provincial as to say that every solution of a problem is wrong because we deal with it otherwise at home…. The courts are not free to refuse to enforce a foreign right at the pleasure of the judges, to suit the individual notion of expediency or fairness. They do not close their doors unless help would violate some fundamental principle of justice, some prevalent conception of good morals, some deep-rooted tradition of the common weal.*"

(sottolinear ta' din il-Qorti)

Mhux kull ligi Maltija trid bilfors tkun rispettata mill-Qrati esteri. F'kawza ohra Ingliza, Scarman J. qal li "*an English Court will refuse to apply a law which outrages its sense of justice and decency*" ("In the Estate of Fuld (No, 3)" 1968). Il-fatt li pajjiz esteru ghandu principji ta' dritt differenti minn dawk lokali ma jtellfux mill-enforzar taghha, sakemm ma jolqtux is-sens ta' gustizzja ta' dak il-pajjiz, tant li, per ezempju, fl-Ingilterra, sentenza estera giet enforzata avolja kienet tmur kontra l-kuncett ta' "*consideration*", tant importanti fil-ligi Ingliza fuq il-kuntratt ("Re Bonacina" 1912). Huwa biss "*where the fundamental conceptions of English justice are disregarded*" (ibid. pagna 149), jew meta s-sentenza estera tolqot "*dei valori fondamentali della societa`*" (Galgano "Diritto Privato" 2 ediz. p. 251), li Qorti lokali trid toqghod attenta qabel ma tenforza sentenza estera.

F'dan il-kaz, il-funzjoni tal-*insurance broker* u l-kuncetti ta' *insurable interest* u *uberrima fides* jiffurmaw parti integrali mis-sistema Malti ta' assigurazzjoni, u huma principji li l-Qrati Maltin adottaw mil-ligi Ingliza fir-rigward. Ma jfissirx, pero`, illi huma kuncetti fondamentali tal-gustizzja. Kull pajjiz jista' jirregola l-kuntratt ta' assigurazzjoni bi principji ohra u differenti, imma bl-ebda mod ma jista' jinghad li tali differenza jwassal ghal xi oltragg ghas-sistema tal-gustizzja f'dak li hu fundamentali. L-ewwel Qorti, fis-sentenza taghha, regghet fethet il-vertenza ta' bejn il-partijiet, u b'diskussjoni ta' kif certi principji messhom gew applikati mill-Qorti estera, gabet fix-xejn l-iskop tal-ligi li sentenzi esteri jigu onorati. Fil-kawza **Grant v. Easton**

deciza fl-Ingilterra fl-1883, Lord Esher kien qal li "*the liability of the difendant arises upon an implied contract to pay the amount of the foreign judgment*". Dan ifisser li, ghal fini ta' esekuzzjoni u ligi procedurali, id-debitur jitqies li huwa obbliga ruhu kontrattwalment li jhallas. Dan il-kuncett, illum, huwa oltrepassat bil-provvedimenti tal-ligi li tqis inforzabbli f'Malta sentenza estera sakemm ma tirrizultax eccezzjoni kontemplata fl-Artikolu 824 tal-Kap. 12 imsemmi. Eccezzjoni fis-sens li sentenza estera ma hijiex esegwibbli "fejn dik is-sentenza ma taghrafx effett legittimu tal-ligi Maltija" ma tezistix barra mill-kuntest tal-imsemmi Artikolu 827, u ghamlet hazin l-ewwel Qorti li dahlet biex tezamina l-meritu tal-kaz, deciz fl-Egittu, fid-dawl tal-ligi Maltija fir-rigward.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tar-rikorrent nomine billi tilqa' l-istess, thassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti tas-27 ta' Novembru, 2012, u tghaddi biex tichad ir-raba' eccezzjoni tas-socjeta` intimata.

L-ispejjez tal-kawza marbuta mas-sentenza tal-ewwel Qorti appellata u ma' din is-sentenza ghandhom jithallsu mis-socjeta` intimata appellata.

L-atti tal-kawza qed jigu rinvjati lill-ewwel Qorti biex din tkompli tisma' u tiddeciedi l-kaz skont il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------